MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 15/2012

George **ĊIAPPARA**

vs

**L-AWTORITA' TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**, Transport Malta, d-Direttur tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali, u b'degriet tat-3 ta' April, 2012, isem Transport Malta nbidel bl-isem Awtorita' għat-Trasport f'Malta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta' Marzu, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib u tiddikjara li d-deċiżjoni meħuda dwar *PC*

*Application* numru 86 tal-2007 dwar bidla fl-iskema ta' żvilupp għat-twessigħ ta' Triq tal-Barrani, f'Bir-id-Deheb, limiti taż-Żejtun, tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; (b) issib u tiddikjara li bil-proċedura meħuda mill-intimati jew min minnhom dwar l-imsemmija applikazzjoni u l-applikazzjoni numru 2133 tal-2007 mnedija minnu biex jingħatalu l-permess jiżviluppa l-ġid tiegħu nkiser il-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; u (ċ) tagħtih u tipprovdilu kull rimedju xieraq, magħdud (i) il-ħlas ta' kumpens għat-teħid forzat ta' ġidu minħabba t-twessigħ tat-triq, (ii) s-sejbien tan-nuqqas ta' siwi tad-deċiżjoni meħuda fl-imsemmija *PC Application* ladarba din tikser il-jeddijiet fundamentali tiegħu u (iii) f'każ li ma jinstabx li d-deċiżjonijiet meħuda huma nulli, l-għoti ta' kumpens xieraq għall-ġid tiegħu, li m'għandux ikun anqas minn dak li huwa nefaq biex xtrah, u li tagħti żmien qasir u perentorju li fih it-teħid tal-art u l-ħlas ta' kumpens lilu għandu jsir. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 2012, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2012, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Direttur tal-Artijiet u Avukat Ġenerali fil-21 ta' Marzu, 2012, li biha huma laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalu li safejn l-ilment ta' r-rikorrent dwar il-ksur ta' jeddijiet fundamentali jintrabat ma' deċiżjoni dwar applikazzjonijiet għal żvilupp, m'humiex il-kontraditturi leġittimi ladarba huma ma jkollhom x'jaqsmu bl-ebda mod mat-teħid ta' deċiżjonijiet bħal dawk; li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali għaliex sata' jinqeda b'rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi konsistenti f'appell quddiem it-Tribunal kompetenti u għalhekk din il-Qorti jmissha tagħżel li ma tqisx l-ilment tar-rikorrent kif jgħid l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 46(2)

tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab ksur ta’ xi wieħed mill-jeddijiet imsemmija minnu;

Rat it-Tweġiba mressqa minn Transport Malta fit-2 ta’ April, 2012, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalet li l-isem tagħha huwa “Awtorita’ għat-Trasport f’Malta” u għalhekk imissha ssir il-bidla f’dak l-isem; li l-azzjoni tar-rikorrent saret qabel waqtha għall-finijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta billi huwa qatt ma kien ressaq ilment magħha qabel ma fetaħ din il-kawża tal-lum; li l-azzjoni ma tiswiex għaliex kemm il-premessi u wkoll it-talbiet m’humiex ċari u ma jfissrux għal liema mill-intimati huma diretti l-ilmenti u lanqas ir-rimedji minnu mitluba; li l-proċedura meħuda m’hijiex dik xierqa minħabba li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji oħra x’sata’ jieħu dwar id-deċiżjonijiet minnu attakkati; li l-ilmenti tar-rikorrent ma jistax jingħata rimedju dwarhom għaliex mibnija fuq ġrajjiet li għadhom ma seħħewx u li f’każ li tassew kellhom isiru x-xogħlijiet li dwarhom inħarġu l-permessi ma jistax minn issa jgħid li m’huwiex sejjer jingħata l-kumpens xieraq jekk kemm-il darba titteħidlu l-art; li m’hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi għaliex hi ma tgawdi l-ebda setgħat bil-liġi la biex tmexxi applikazzjonijiet għal żvilupp, la biex tniedi l-proċeduri li jwasslu għat-teħid tad-deċiżjonijiet bħal dawk li minnhom jilminta r-rikorrent u lanqas ma ħadet hi xi waħda mill-imsemmija deċiżjonijiet; u li din il-Qorti m’għandhiex is-setgħa *ratione materiae* biex tilqa’ t-tielet rimedju msemmi fit-tielet talba tar-rikorrent. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet tar-rikorrent m’humiex mistħoqqa u m’għandhomx jintlaqgħu;

Illi b’degriet mogħti fit-3 ta’ April, 2012, il-Qorti ipprovdiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imsemmija Awtorita’, filwaqt li waqt is-smigħ tat-2 ta’ Mejju, 2012, l-istess Awtorita’ rtirat it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fit-3 ta’ April, 2012, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalet li l-azzjoni saret qabel waqtha; li m’hijiex il-kontradittriċi

leġittima tal-azzjoni attriċi; u li r-rikorrent ma nqediex bir-rimedji ordinarji. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrent ma ġarrab ksur tal-ebda jedd fundamentali tiegħu kemm jekk imħares taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, u f'dan ir-rigward, hija kienet tagħmel tagħha l-istess eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali. Tenniet hi hija qdiet u qiegħda taqdi l-funzjonijiet tagħha skond il-liġi u ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex għandhom jitħassru d-deċiżjonijiet meħuda dwar il-*PC Application* jew li jistgħu jolqtu lir-rikorrent. Meta r-rikorrent xtara l-ġid tiegħu, kien hemm diġa' fis-seħħ riżoluzzjoni mill-Kamra tar-Rappreżentanti li ttieħdet fis-26 ta' Lulju, 2006, u li dwarha ħareġ l-Avviż Legali 35 tal-2007, u għalhekk kull art li taqa' taħt l-imsemmi Avviż Legali jgħoddu għalih ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 71 tal-2007 meta jkun maħsub li jsir żvilupp fuqha. Temmet tgħid li ma hemm l-ebda raġuni li dwarha r-rikorrent jista' jitlob il-ħlas ta' kumpens u li l-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2012, li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar jekk din il-Qorti għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża ladarba r-rikorrent ma nqediex b'rimedji ordinarji li kellu disponibbli qabel ma fetaħ din il-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrent u minn uħud mill-intimati u rat il-provi dokumentali tagħhom dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Lulju, 2012[1], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-provi dwar l-imsemmija eċċezzjoni u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar l-imsemmija eċċezzjoni bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati lkoll fl-10 ta' Settembru, 2012[2];

[1] Paġ. 32 tal-proċess
[2] Paġġ. 34 – 8 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-15 ta' Novembru, 2012[3], bi tweġiba għal dik tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri ta' wħud mill-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fl-24 ta' April, 2013 u d-dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda ta' Oliver Magro mressaq mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u rat id-dokumenti mressqa minnu matul id-depożizzjoni tiegħu;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Mejju, 2013, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent qiegħed jgħid li ġarrab jew sejjer iġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejġu u tad-dritt għal smigħ xieraq, minħabba l-fatt li waqt li kienet għadha pendenti quddiem l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (aktar 'il quddiem imsejħa "MEPA") talba tiegħu għal ħruġ ta' permess ta' żvilupp, l-istess Awtorita' laqgħet proposti magħmulin mill-intimata l-oħra Awtorita' għat-Trasport f'Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "ADT") biex tibdel il-kriterji li taħthom żvilupp ta' bini fl-inħawi fejn jinsab il-ġid tar-rikorrent. Il-bdil tal-kriterji waqt li t-talba tiegħu kienet għadha qiegħda titqies mill-MEPA laqtet sewwa l-ġid tiegħu u lill-istess talba tiegħu. Huwa jgħid li, minħabba din il-bidla u minħabba d-dewmien fit-tmexxija tat-talba tiegħu, spiċċa li parti minn

[3] Paġġ. 41 – 4 tal-proċess

ġidu jista’ jittieħed biex isir it-twessigħ tat-triq, minbarra li ma ngħatax smigħ xieraq għat-talba tiegħu;

Illi għal dik l-azzjoni, l-intimati Direttur tal-Artijiet u Avukat Ġenerali fil-21 ta’ Marzu, 2012, li biha huma laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b’mod preliminari, qalu li safejn l-ilment ta’ r-rikorrent dwar il-ksur ta’ jeddijiet fundamentali jintrabat ma’ deċiżjoni dwar applikazzjonijiet għal żvilupp, m’humiex il-kontradittturi leġittimi ladarba huma ma jkollhom x’jaqsmu bl-ebda mod mat-teħid ta’ deċiżjonijiet bħal dawk; li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali għaliex sata’ jinqeda b’rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi konsistenti f’appell quddiem it-Tribunal kompetenti u għalhekk din il-Qorti jmissha tagħżel li ma tqisx l-ilment tar-rikorrent kif jgħid l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta. Fil-mertu, laqgħu billi ċaħdu li r-rikorrent tassew ġarrab ksur ta’ xi wieħed mill-jeddijiet imsemmija minnu;

Illi, min-naħa tagħha, l-ADT laqgħet billi, b’mod preliminari, qalet li l-isem tagħha huwa “Awtorita’ għat-Trasport f’Malta” u għalhekk imissha ssir il-bidla f’dak l-isem; li l-azzjoni tar-rikorrent saret qabel waqtha għall-finijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta billi huwa qatt ma kien ressaq ilment magħha qabel ma fetaħ din il-kawża tal-lum; li l-azzjoni ma tiswiex għaliex kemm il-premessi u wkoll it-talbiet m’humiex ċari u ma jfissrux għal liema mill-intimati huma diretti l-ilmenti u lanqas ir-rimedji minnu mitluba; li l-proċedura meħuda m’hijiex dik xierqa minħabba li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji oħra x’sata’ jieħu dwar id-deċiżjonijiet minnu attakkati; li l-ilmenti tar-rikorrent ma jistax jingħata rimedju dwarhom għaliex mibnija fuq ġrajjiet li għadhom ma seħħewx u li f’każ li tassew kellhom isiru x-xogħlijiet li dwarhom inħarġu l-permessi ma jistax minn issa jgħid li m’huwiex sejjer jingħata l-kumpens xieraq jekk kemm-il darba titteħidlu l-art; li m’hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi għaliex hi ma tgawdi l-ebda setgħat bil-liġi la biex tmexxi applikazzjonijiet għal żvilupp, la biex tniedi l-proċeduri li jwasslu għat-teħid tad-deċiżjonijiet bħal dawk

li minnhom jilminta r-rikorrent u lanqas ma ħadet hi xi waħda mill-imsemmija deċiżjonijiet; u li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa *ratione materiae* biex tilqa' t-tielet rimedju msemmi fit-tielet talba tar-rikorrent. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet tar-rikorrent m'humiex mistħoqqa u m'għandhomx jintlaqgħu;

Illi l-MEPA laqgħet billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni saret qabel waqtha; li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi; u li r-rikorrent ma nqediex bir-rimedji ordinarji. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrent ma ġarrab ksur tal-ebda jedd fundamentali tiegħu kemm jekk imħares taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, u f'dan ir-rigward, hija kienet tagħmel tagħha l-istess eċċezzjonjiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali. Tenniet hi hija qdiet u qiegħda taqdi l-funzjonijiet tagħha skond il-liġi u ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex għandhom jitħassru d-deċiżjonijiet meħuda dwar il-*PC Application* jew li jistgħu jolqtu lir-rikorrent. Meta r-rikorrent xtara l-ġid tiegħu, kien hemm diġa' fis-seħħ riżoluzzjoni mill-Kamra tar-Rappreżentanti li ttieħdet fis-26 ta' Lulju, 2006, u li dwarha ħareġ l-Avviż Legali 35 tal-2007, u għalhekk kull art li taqa' taħt l-imsemmi Avviż Legali jgħoddu għalih ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 71 tal-2007 meta jkun maħsub li jsir żvilupp fuqha. Temmet tgħid li ma hemm l-ebda raġuni li dwarha r-rikorrent jista' jitlob il-ħlas ta' kumpens u li l-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tiegħu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni preliminari jekk din il-Qorti jmisshiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża ladarba r-rikorrent kellu u naqas milli jinqeda b'rimedji ordinarji biex iħares il-jeddijiet tiegħu;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent hu sid ta' post (dar) bl-isem ta' "*Oliver Grace House*" fi Triq tal-Barrani, kantuniera ma' Triq il-Ġistakor, Bir id-Deheb, fil-limiti ta' Ħal Għaxaq, li huwa kiseb bis-saħħa ta' kuntratt tat-30 ta' Jannar, 2007, fl-atti tan-Nutar Malcolm Manġion. Minnufih malli kiseb il-post, hu qabbad

perit biex f'ismu ressaq talba mal-MEPA għal żvilupp biex titwaqqa' d-dar minnu mixtrija u jittellgħu minflokha erba' (4) fondi oħrajn ("*maisonettes*")[4];

Illi f'Lulju tal-2007, MEPA għarrfitu li t-talba tiegħu ma setgħetx timxi qabel ma jkunu stabiliti parametri ta' żvilupp għal dawk l-inħawi[5]. Sadattant, it-talba tiegħu ma tmexxietx;

Illi matul dak iż-żmien, inħarġu kriterji ġodda għal żvilupp f'dawk l-inħawi u dawn kienu jinkludu, fost l-oħrajn, it-twessigħ tat-triq quddiem is-sit tal-ġid tar-rikorrent u liema twessigħ kien se' jfisser li biċċa sewwa mill-art tiegħu sejra tittieħed għall-istess twessigħ. Dawn il-kriterji nħarġu fuq il-bażi ta' *PC Application* (numru 86/07) mitluba mill-MEPA nnifisha[6] wara konsultazzjonijiet kemm mal-ADT u kif ukoll mal-Kummissarju tal-Pulizija[7];

Illi f'xi żmien matul l-2010, ir-rikorrent fetaħ kawża[8] kontra l-MEPA quddiem din il-Qorti biex jitlob li l-Qorti tordna lill-istess Awtorita' biex tmexxi t-talba fiż-żmien li l-istess Qorti timponilha. Ir-rikorrent ċeda dik il-kawża fi Frar tal-2012. Fi Frar tal-2011[9], il-MEPA kienet bagħtet tgħarraf lill-perit tar-rikorrent bil-bidliet fil-kriterji tal-iżvilupp għall-inħawi taħt l-imsemmija *PC Application* 86/07 u biex jagħraf jirregola ruħu dwar appell minn dik id-deċiżjoni;

Illi f'Novembru tal-2011[10], il-MEPA bagħtet tgħarraf lill-perit tar-rikorrent li t-talba tiegħu għall-iżvilupp intlaqtet mill-bidliet fil-kriterji għall-iżvilupp tal-inħawi. Talbitu jressaq pjanti ġodda li jaqblu mal-imsemmija kriterji ġodda. F'Jannar tal-2012[11], MEPA bagħtet tgħarraf lill-perit tar-rikorrent li jekk kemm-il darba fi żmien xahrejn ma kienx se jressaq pjanti ġodda dwar l-iżvilupp mitlub mir-rikorrent, kien se' jitqies li t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ

---

[4] P.A. 2133/07
[5] Dok "OM3", f'paġ. 57 tal-proċess
[6] Xhieda tal-A.I.Ċ. Robert Sarsero 9.7.2012, f'paġ. 28 tal-proċess
[7] Dok "OM7", f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess
[8] Rik. Nru. 1243/10MCH
[9] Dok "RS1", f'paġ. 20 tal-proċess
[10] Dok "RS2", f'paġ. 21 tal-proċess
[11] Dok f'paġ. 51 tal-proċess

tal-permess kienet sejra titqies mitluqa u, wara li jgħaddu sitt xhur, tkun irtirata awtomatikament;

Illi fit-13 ta' Marzu, 2012, ir-rikorrent fetaħ il-kawża tal-lum. Fil-15 ta' Ottubru, 2012[12], ir-rikorrent irtira t-talba tiegħu għall-iżvilupp tal-post tiegħu u talab il-ħlas lura tal-"*building levy*". Din intbagħtet lura lir-rikorrent f'Diċembru tal-2012[13];

Illi l-ewwel minn fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tagħmel hija dwar l-eċċezzjoni taħt eżami hi li l-intimati lkoll isemmu l-pendenza ta' proċeduri "interni" fi ħdan il-MEPA li r-rikorrent kellu u li sata' nqeda bihom biex iħares il-jeddijiet tiegħu fuq ħwejġu. B'mod partikolari, huma jqisu l-fatt li t-talba tar-rikorrent magħmula f'Marzu tal-2007 għall-iżvilupp hija sewwasew ir-rimedju "ordinarju" miftuħ għar-rikorrent minflok il-proċeduri f'din il-kawża, minn liema talba (f'każ li ma tintlaqax) r-rikorrent jifdallu rimedju ieħor quddiem it-Tribunal tal-Appell għar-Reviżjoni tal-Permess. Dan minbarra li r-rikorrent jista' jressaq talba ġdida għall-kunsiderazzjoni tal-Bord biex jirrevedi l-*PC Application* li bis-saħħa tagħha nħarġu l-kriterji tal-iżvilupp;

Illi, min-naħa tiegħu, r-rikorrent jisħaq li r-rimedji msemmija mill-intimati ma jistgħu bl-ebda mod jitqiesu bħala rimedji xierqa biex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu. B'mod partikolari, huwa jgħid li t-tmexxija 'l quddiem tat-talba tiegħu għall-iżvilupp ma tista' qatt iġġiblu r-riżultat mixtieq, minħabba li ma jista' jinħareġ l-ebda permess għall-iżvilupp ta' ħwejġu li ma jkunx jaqbel mal-kriterji tal-*PC Application* li ġabet bidla tal-kriterji tal-iżvilupp. Meta mbagħad, wieħed iqis x'kienu l-effetti tal-kriterji l-ġodda tal-iżvilupp – fosthom it-twessigħ tat-triq quddiem il-post li se' tirriżulta f'biċċa sewwa minn ġidu jittieħed biex fuqu tgħaddi t-triq – wieħed malajr jara kemm ikun fieragħ li huwa jibqa' jisħaq fuq it-talba tiegħu pendenti quddiem il-MEPA. Kemm hu hekk, xahar wara li ressaq dawn is-sottomissjonjiet, huwa rtira t-talba tiegħu;

---

[12] Dok "OM1", f'paġ. 55 tal-proċess
[13] Dok "OM2", f'paġ. 56 tal-proċess

Illi minn dak li jgħidu fis-sottomissjonijiet tagħhom, din l-eċċezzjoni hija stedina magħmula mill-intimati biex din il-Qorti tapplika l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat fuq il-bażi li l-parti rikorrenti kellha rimedji oħrajn "ordinarji" huma llum il-ġurnata stabiliti b'mod konsistenti mill-qrati Maltin. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruħha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża ***Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[14], li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006. Dik l-istess Qorti għadha żżomm l-istess prinċipji kif muri f'deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar dwar l-istess eċċezzjoni[15];

Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[16]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[17]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;

Illi huwa fatt ukoll li, minkejja li jista' jkun minnu li l-parti rikorrenti seta' kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju "ordinarju", din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa' tisma' l-kawża. L-eżistenza ta' "rimedju ordinarju" ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma' kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha.

---

[14] Rik. Kost. Nru. 22/05JRM

[15] Kost. **31.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Caruana et vs Il-Prim Ministru et*** (Rik. Kost. 44/06) u Kost. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Xuereb vs Helen Milligan et*** (Rik. Kost. 44/08) fost l-oħrajn

[16] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[17] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

Id-diskrezzjoni li tuża trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja[18]. Normalment, din id-diskrezzjoni tintuża meta r-rikorrent ikun jidher li tassew għandu disponibbli għalih rimedju li, kieku użat kif imiss, jista' jagħtih il-ħarsien tal-jedd li f'kawża bħal din jgħid li qiegħed iġarrab ksur tiegħu[19];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat speċjali tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha u lanqas li jekk kemm-il darba r-rikorrent tassew baqa' jinqeda bir-rimedji statutorji li l-intimati jgħidu li kellu ma kien sejjer jingħata l-istħarriġ effettiv tal-ilmenti kollha (u wisq anqas jagħtih rimedju effettiv) li huwa ressaq fir-rikors promotur tiegħu;

Illi l-Qorti waslet għal din il-fehma, fl-ewwel lok, minħabba li l-qagħda tat-talba tar-rikorrent għall-iżvilupp ta' ħwejġu saret inkompatibbli mal-kriterji nfushom li taħthom kien ikollha titqies l-istess talba. Ir-rimedji proċedurali amministrativi li l-intimati jgħidu li r-rikorrent sata' jinqeda bihom (kieku ma rtirax l-applikazzjoni tiegħu) ma kinux jindirizzaw l-ilmenti li dwarhom huwa qiegħed jgħid li ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Fit-tieni lok, minn dak li jsemmu l-intimati, parti mir-rimedji ordinarji li jgħidu li kellu r-rikorrent kienu jikkonsistu fit-tressiq ta' proċedura ġdida amministrativa – it-tressiq ta' *PC Application* ġdida min-naħa tiegħu (iżda jidher li jrid ikollha l-appoġġ ta' bosta sidien oħra fl-inħawi) – li taf tibdel l-imsemmija kriterji (u taf ukoll tfalli milli tibdel l-i*status quo*), imma li minnha nnifisha ma tindirizzax l-ilmenti immedjati ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali;

Illi, meta twieżen dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li hemm wisq aktar x'ixaqleb lejn l-għażla tagħha li twettaq is-setgħat tagħha biex tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent milli li toqgħod fuq id-diskrezzjoni tagħha li

---

[18] P.A. Kost VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Mhix pubblikata)

[19] Ara, f'dan ir-rigward Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**); u Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.48**)

żżomm lura milli twettaq dawk is-setgħat, kif trid l-eċċezzjoni tal-intimati;

Illi dan ma jfissirx li l-Qorti minn issa qiegħda tqis l-ilmenti tar-rikorrent bħala mistħoqqa jew diġa' ippruvati. Ifisser biss li m'huwiex il-każ li tieqaf milli tqis l-ilmenti attriċi fid-dawl tad-difiżi l-oħrajn tal-intimati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari** tal-intimati Direttur tal-Artijiet u Avukat Ġenerali, u tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u t-**tielet eċċezzjoni preliminari** tal-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u ssib li hija għandha twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' u taqta' din il-kawża, **bl-ispejjeż kontra l-istess intimati;** u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni u ġbir tal-provi fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------